MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Alfred Fiteni
vs
Direttur tax-Xogholijiet Pubblici

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1988 u l-1991 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha u gie trasferit ingustament.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:
Huwa dahal jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fl-1979 bhala Labourer. Dak iz-zmien huwa kien seconded mal-Kalafrana Construction Company.

Fl-1988 meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Works Technical Officer u kien ghadu seconded mal-Kalaxlokk

Construction Company Limited bhala Section Head of Marine Section, kienu hargu sejhiet ghall-promozzjoni ghall-TT1 u TT2 mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici.

Huwa kien applika u ghamel l-interview.  Billi hass li kien mar tajjeb hafna u billi hadd hliefu ma kien hemm bhala Head tal-Marine Section, kien perswaz li kien ghadda u li ser jinghata din il-promozzjoni.

Meta hargu r-rizultati sab li l-anqas biss issemma, ghaldaqstant ma setax jigi promoss.

Ta min isemmi li dak iz-zmien huwa kien inkarigat minn 200 persuna li kienu mqassmin fuq diversi xogholijiet mal-Kalaxlokk Construction fuq xoghol ta’ tqeghid ta’ Caisons, thammil, preparazzjoni ta’ Foundations etc.

Fl-1991 huwa fuq ordni diretta tal-Perit Cacopardo, gie trasferit lura ghad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici Belt is-Sebh.  B’hekk huwa gie imtellef allowance ta’ bejn wiehed u iehor Lm120 fix-xahar.  Dan ghaliex billi huwa kien on loan minn mal-PWD ghal mal-Kalaxlokk Co. Limited il-grad tieghu kien ta’ Technical Officer 3 (Section Head).

Ghaldaqstant ir-rikorrent hass li huwa gie diskriminat, ghaliex minkejja li kien jaf li kien ghadda minn dan l-ezami, ma nghatx din il-promozzjoni u dan minhabba t-twemmin politiku tieghu.

B’hekk huwa gie imtellef l-opportunita` li javvanza fil-karriera tieghu, b’rizultat li gie effettwat fis-seniority kif ukoll sofra danni finanzjarji.  Ta’ min isemmi li billi huwa jinsab barra bil-pensjoni ic-cahda ta’ din il-promozzjoni affettwatlu wkoll il-pensjoni tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni li gie mtellef ingustament b'lura mid-data li kienet harget, isirlu aggustament fil-pensjoni tieghu kif ukoll jigi kkumpensat ghal dak kollu lli huwa tilef skond kif tiddeciedi l-qorti, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie mpjegat bhala Labourer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-2 ta' April 1979. Hu lahaq il-grad ta' Supervisor fid-9 ta' Jannar 1981. Fl-1 ta' Dicembru 1981 hu lahaq il-grad ta' Chargehand u fil-15 ta' April 1987 lahaq bhala Works Technical Officer. Permess tar-riforma li giet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent gie assimilat bhala Technical Officer fi Skala 12.

Illi r-rikorrent gie sekondat ma' **Kalafrana Construction Company** b'effett mill-1 ta' Novembru 1981. Sussegwentement hu gie mghajjat lura b'effett mid-9 ta' Dicembru 1990.

Illi fl-20 ta' Mejju 1988 kienet harget sejha numru 59/88 ghall-applikazzjonijiet ghal grad ta' Technical Officer I u II rispettivament. Ir-rikorrent kien jokkupa l-grad ta' Works Technical Officer u ghaldaqstant kien eligibbli biex japplika. Hu nghata n-numru 62 bhala n-numru ta' riferenza. Sussegwentement gab 30 u 48 marka fiz-zewg kategoriji rispettivi.

Illi r-rikorrent naqas li jikkwalifika u ma rnexxielux jilhaq il-marki pristabbiliti mill-Bord biex b'hekk ikun jista jigi kkunsidrat ghall-promozzjoni.
Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-ati kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma li dahal jahdem mad-Dirghajn il-Maltin (DIM) fis sena 1975. Il-grad tieghu kien bhala 'supervisor'. L-ewwel xoghol li ghamel kien id-dranagg ta' Wied Ghammieq li jitfa' mil 'l barra mill-kosta ta' Malta. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti f 'Pump Room fuq l-art, bil-pajpijiet jghaddu kollha minn qiegh il-bahar. Dan ix-xoghol ghadda kollu minn taht is-supervizjoni tieghu. Dan jinkludi anke dak ix-xoghol li sar f'qiegh il-bahar, ghax kien jaghmel supervizjoni wkoll bhala ghaddas. Xoghol iehor li jixxiebah hafna ma' dan ta' qablu kien dak ix-xoghol li sar Ghawdex, Ras il-Hobz, u t-tqeghid tal-' pipe line' bejn Malta u Ghawdex.

Fis-sena 1979 sar tal-Gvern u lehaq W.T.O. Fl-1 ta' Novembru 1981 gie trasferit mal-kumpanija K.C.C. ( Kalafrana Construction Company) fejn il-kumpanija K.C.C. hatritu bhala Technical Officer 1. Hemmhekk ix-xoghol tieghu kien jikkonsisti fil-preparazzjoni kollha ta' qiegh il-bahar ghall-bini tal-Freeport. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti fi "dragging'' u " underwater explosives ''. Kien inkarigat ukoll mis-surveys li saru biex jinstab is-sahha tal-blat fil-bajja ta' Marsaxlokk kollu. Barra dan, is-survey kien hemm iehor li kien jinvestiga il-qiegh tal-Port il-Kbir.

Waqt dan ix-xoghol ha promotion fuq il-"Marines work" kollu u gie moghti promozzjoni ta' Technical Officer 3 (Section head tal-marine craft). Il-work force kien ta' mitejn persuna barra l-ingenji kollha tal-bahar li jinkludu (krenijiet, braken u bicciet ohra tal-bahar).

Ghamel xoghol biex il-Port iddregjawh ghal fond ta' sittin pied, biex ikun jista' isir circular ta' Super Tankers u vapuri ta' tunnellagg kbir jew ta' pixka fonda.

Fil-25 ta' Ottubru 1988, harget applikazzjoni ghall-grad ta' Technical Officer 1 u Technical Officer 2 mal-Gvern u r-rikorrent applika ghat-tnejn li huma. Esebixxa kopji ta' rakomandazzjonijiet. Izda dan kien ghal xejn ghax ma hax il-kariga ta' Technical Officer 2, mal-Gvern. Inqabez minn Joseph Pullicino li mhux biss kien Summer Worker u dahal warajh mal-Gvern u dejjem kien fuqu. L-iehor Joe Abela wkoll hadem tahtu u kien biss construction driver. Dawn it-tnejn kienu jahdmu tahtu.

Fl-1989 tela l-engineer Cacopardo u taht ordni tieghu gie trasferit minn mal-K.C.C. ghal max-Xoghlijiet Pubblici (Beltissebh, section projects). Dan it-transfer sar fl-10 ta' Dicembru 1990 u konsegwenza ta' dan waqa' mill-grad ta' Technical Officer 3 ghall-grad originarju tieghu ta' W.T.O. (29893). B'dan il-kambjament naqsulu mal-Lm100 u Lm120 fix-xahar. Sostna li gie diskriminat minhabba it-twemmin politiku tieghu ghax hadd hliefu ma kien bil-kariga ta' Section Head of Marine Craft. Sostna li tilef aktar minn ghaxar t'elef liri (Lm10,000) kemm bhala differenza fil-pagi u anke differenza fil-penzjoni.

Semma li dwar il-promozzjoni din ma kienitx fuq xi linji partikolari tax-xoghol. Qabel ma gie trasferit hu kien hemm ftit ohra li gew trasferiti wkoll. Sostna li kellu linja amministrattiva u parti teknika. Hu certifikati ma kellux u kien ibbaza kollox fuq l-esperjenza. Abela u Pullicino kellhom certifikati biss fid-diving. Pero mistoqsi jekk fil-fatt Joe Pullicino kienx lehaq mieghu bhala WTO u ma kienx tahtu ikkorega ruhu. Sostna li l-Perit Cacopardo kien tajjar hafna impjegati mill-Kalaxlokk dawk li kienu laburisti. Semma li Abela u Pullicino kienu Nazzjonalisti.

<u>Paul Scicluna</u> esebixxa skeda relativa ghar-rikorrent, Abela, u Pullicino minn fejn jirrizulta li dahlu mal-Gvern ir-rikorrent fl-1979, Abela fl-1970, u Pullicino fl-1976 u dana bhala Grupp A. Fl-1971 Abela lehaq grupp C. It-tlieta li huma lehqu grupp D fl-1981. Fiteni u Pullicino saru

chargehands fl-1981 u WTO fl-1987. Fl-1989 Abela u Pullicino lehqu TO waqt li r-rikorrent fl-1991.

Dwar l-allokazzjoni tal-marki bhala kwalifiki r-rikorrent kellu 2, waqt li Abela u Pullicino 5; dwar Trade Experience r-rikorrent inghata 15 u 10 ghal Tech I u Tech II rispettivament waqt li Abela 39 u 36, u Pullicino 38 u 33. Dwar Dept Knowledge r-rikorrent gab 5 u 3, Abela 27 u 23, u Pullicino 28 u 27. Dwar Personality u Leadership ir-rikorrent gab 26 u 15, waqt li Abela gab 27 u 23 u Pullicino 28 u 27. Ghalhekk it-totali kienu tar-rikorrent 48 u 30, Abela 80 u 73, waqt li Pullicino 80 u 73.

Xehed il-Perit Fortunato Said li fl-1987 kien in charge mill-Port ta’ Marsaxlokk u kien qieghed isir xoghol ta’ manutensjoni fuq terminal 1 illum maghruf bhala l-Freeport. Kien hemm ukoll ir-refabbrikazzjoni tal-blokki tal-concrete maghrufa bhala casels. Ir-rikorrent kien inkarigat bhala l-works manager [ekwivalent ghal Technical Officer III] tas-sezzjoni tal-bahar. Ir-rikorrent kien jaghmel xoghol amministrattiv u xoghol tekniku. Semma li r-rikorrent xogholu kien jaghmlu mill-ahjar possibli. Hass li r-rikorrent kien a good average Tech III komparat man-nies li kien hemm. Semma li ma kinitx decizjoni tieghu li r-rikorrent jigi trasferit lura.

Xehed Charles Scerri Ministry Co-Ordinator fil-Ministeru tas-Servizzi Ekonomici li jiftakar lir-rikorrent fil-Kalaxlokk Marine Section bhala WTO u aktar tard Tech III. Bhala WTO mad-Dipartiment mal-Kalaxlokk kien jikkorrispondi ghal Technical Officer I. Zied li x-xoghol tal-bahar huwa ta’ certu responsabbilta` u esperjenza u kien hemm numru ta’ nies jahdmu taht id-direzzjoni tar-rikorrent. Ir-rikorrent kien jikkopera hafna u jsegwi direttivi. Ix-xhud dam il-Kalaxlokk sal-1990 u kien hemm kumpanija Ingliza tmexxi meta telaq hu. Kienet policy li diversi nies imorru lura d-Dipartiment wara secondment.

Xehed Vince Cassar Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u semma li jaf lir-rikorrent fuq ix-Xoghol Kalafrana u mal-Public Works. Xoghlu kien marbut mal-bahar u normalment kien ikun hu in charge. Xoghol ir-rikorrent

kien dejjem kompetenti u efficjenti. Mal-Kalafrana kien Tech III u seta' jkun Tech I jew Tech II mad-Dipartiment tax-Xogholijiet.

Xehed il-Kurunell Albert Camilleri li kellu x' jaqsam ma' splussivi fl-Armata. Qal li ilu jaf lir-rikorrent ghal zmien twil fuq specjalment bombi u s-Sur Fiteni dejjem kien responsabbli f' xoghlu u kien importanti ghas-success tal-hidmiet li kienu jaghmlu. Kien jidhol fix-xoghol kollu necessarju u tellghu diversi splussivi mill-bahar. Iddeskriva lir-rikorrent bhala my right hand man u dejjem ghamel xoghlu minghajr qatt ma thallas overtime, anke jahdem tard u sieghat twal.

Xehed Emanuel Cortis rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici u kkonferma r-risposta moghtija mid-Dipartiment.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent jikkoncerna zewg aspetti u cioe` dak tat-trasferiment lura minn mal-Kalaxlokk ghall-Public Works u n-nuqqas ta' promozzjoni ghal Tech I u Tech II. Dwar it-trasferiment lura hemm diversi aspetti li ma gewx sufficjentement pruvati. Ma giex pruvat min kien responsabbli, jekk hux id-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici jew il-Kalaxlokk ghat-trasferiment u anqas jekk tali transfer kienx gustifikat. Ma giex ippruvat jekk kienx hemm kwistjoni ta' redundancy jew li r-rikorrent gie trasferit lura ghal xi mottiv iehor. Fic-cirkostanzi tal-kaz ghalhekk it-Tribunal ma jistax isib li saret ingustizzja meta r-rikorrent gie trasferit lura mill-Kalaxlokk ghad-Dipartiment tax-Xogholijiet minhabba nuqqas ta' provi f' dan ir-rigward.

Dwar il-promozzjoni hawn hafna x' wiehed jista' jghid. Kwantita` ta' xhieda ddeskrivew lir-rikorrent bhala haddiem dedikat, kapaci u obbidjenti u dana gie deskritt hekk minn nies li fil-fehma tat-Tribunal huma nies kompetenti hafna. Irrizulta wkoll li gie maqbuz minn nies li ghalkemm possibilment kellhom ftit kwalifiki aktar minnu, hu kellu esperjenza vasta aktar minnhom. Ukoll it-Tribunal ma hu xejn konvint bl-operat tal-bord tal-ghazla specjalment kif jirrizulta a fol 114 fejn dwar trade

experience dan il-bord ha zball daqshekk lampanti li lir-rikorrent jaghtih 15/10 marks u lil min kellu esperjenza anqas minnu tah 39/36 u 38/33. Inutli li wiehed jikkummenta wkoll fuq personality/ leadership fejn ghal Tech II ir-rikorrent inghata 15 waqt li Abela u Pullicino nghataw 23 u 27. Ta min isemmi li r-rikorrent kien imexxi diversi sezzjonijiet b' hafna nies fihom. Il-bord anqas biss kien kongruwu mieghu nnifsu meta l-marki allokati ghal Tech I u Tech II fil-kaz ta' Abela kienu 27 u 23, fil-kaz ta' Pullicino 28 u 27 – u ghalhekk erba' marki u marka anqas ghal Tech II, waqt li fil-kaz tar-rikorrent inghata 26 u 15 u cioe` 11-il marka anqas. It-Tribunal ihoss li saret ingustizzja fil-konfront tieghu meta ma nghatax il-promozzjoni. Japprezza wkoll li ormai ir-rikorrent huwa rtirat u l-aktar li gie milqut fl-aspett finanzjarju u ghalhekk sejjer minnflok jirrikmanda l-promozzjoni bhala tali jirrikmanda l-kumpens finanzjarju.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, isib l-ilment ippruvat dwar dak li jirrigwarda l-effetti ta' nuqqas ta' promozzjoni u jiffissa l-ammont ta' kumpens dovut mill-intimat lir-rikorrent fl-ammont ta' tlett elef lira (Lm3000).

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------